# Il-Gżira kif nafha jien

Mons. Lawrenz Gatt

L-ewwel tifkira li għandi tal-Gżira hi meta mort, naħseb li ma' tal-Museum, ta' Tas-Sliema fl-1950 għall-funeral tal-kappillan Dun Carlo Manché. Bħala tifel abbati r-Raħal ġdid kont mort ma nafx kemm-il funeral, ħafna minnhom ta' trabi fi żmien il-Gwerra u kienu jkunu xeni ta' biki. Imma dak inhar impressjonani l-funeral li forsi kien l-ikbar wieħed li qatt kien hemm il-Gżira. U ma stajtx norqod dak il-lejl. Il-kappillan Manché qatt ma rajtu f'ħajtu. Imma s'intendi naf diversi minn ħutu bħall-Professur ħuh, Rettur tal-Università u ħuh ieħor, ħafna iżgħar, Dun Alfred, li jafuh ħafna l-Gżira għalkemm ilu qrib il-ħamsin sena fid-djoċesi ta' Prato u għadu sal-lum kappillan fil-Parroċċa ta' San Lorenzo fi knisja li ilha iktar minn elf sena. Dun Alfred kien għadu ma bediex is-Seminarju meta miet ħuh il-Kappillan. Dun Carlo miet żgħir. Kien raġel għaref, kapaċi u qaddis. Neputi tagħhom hu Fr. Charles Borg Manché li ilu Munich, il-Ġermanja iktar minn tletin sena. Is-sena l-oħra mort nara lil oħthom, is-soru klarissa li qiegħda Assisi, f'kunvent Franċiż, ilha soru iktar minn sittin sena u għadha titkellem bil-Malti qisha mar-ret il-bieraħ.

Fis-snin 50 u 60 meta taħseb fil-Gżira aktarx tiftakar fl-Empire Stadium, magħruf, m'għandniex xi ngħidu, għall-futbol. Kien iż-żmien ta' players magħrufa bħal Tony Nicholas u l-Lolly Borg. Imma fl-Istadium kienu jsiru ħafna attivitajiet sportivi, ngħidu aħna għall-iskejjel, kif ukoll manifestazzjonijiet oħra. F'Settembru 1951, per eżempju, saret laqgħa mmensa f'dak il-ground f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena ta' "Lehen is-Sewwa". Fost il-kelliema kien hemm Padre Riccardo Lombardi S.J., predikatur ta' fama internazzjonali (kienu jgħidulu "l-microphone ta' Alla) li wasal minn Ruma waqt ir-rally stess fl-Istadium tal-Gżira. Jien, tifel ta' erbatax-il sena, akkumpanjajt lill-anzjan Mons. Pawlu Galea li, qabel, kien Vigarju Ġenerali u li dak iż-żmien konna noqogħdu ħdejh. Imħabba f'dawn l-okkażjonijiet il-Gżira dejjem rat folol kbar.

Il-Gżira tat ukoll ħafna vokazzjonijiet sbieħ. Meta dħalt is-Seminarju fl-1954 kelli tlieta minn sħabi mill-Gżira u tnejn minnhom saru saċerdoti. Wieħed kien sewwa sew fis-sala fejn konna nistudjaw, Tabone Adami, il-lum Monsinjur Francis, jew kif nafuh Frank. Kif sirna qassisin, fl-1962, mar il-Brazil u kulħadd igħid kemm għamel ġid l-ewwel fid-djoċesi ta' Londrina u issa f'Apucarana. L-ieħor, fl-aħħar snin ta' ħajtu, reġa' ġie l-Gżira, Monsinjur Dun Manwel Agius, jew kif kienu jafuh Dun Wallie. Trid issaqsi għalih il-Għargħur u l-Ħamrun biex tkun taf x'kien Dun Wallie. Konna ħbieb wisq u tista' tgħid sirt midħla tal-Gżira minħabba f'dawk it-tnejn minn sħabi li, anki fil-vaganzi, konna niltaqgħu għand il-kappillan Dun Pawl Galea kważi kull nhar ta' ħadd.

Kif qaddisna, ir-rabta mal-Gżira kibret. Għal numru ta' snin kont immur kull nhar ta' Ħadd filgħodu fil-Knisja tas-Sorijiet Agostinjani, St. Albert Street, l-ewwel bħala djaknu ma' Patri Giljan Mifsud, Agostinjan u mbagħad għall-quddiesa għall-ġuvintur li kien jorganizza Dun Maurice Mifsud. Għadni sal-lum niltaqa' ma' x'uħud, illum nanniet, li kienu jiġu għal dik il-quddiesa bil-folju "Panorama" li konna noħorġu u tgħidx kemm kien ikun hemm qrar fi knisja iffullata biż-żgħażagħ. Kien hemm ġuvintur, ħabrieka u mill-iktar eżemplari: Sammy Theuma, Carmel Portelli, Charles Micallef St. John, biex insemmi dawk li niftakar bħalissa. Id-dar tal-kappillan kienet eżempju rari ta' 'presbytery' fejn joqogħdu l-qassisin mal-kappillan. Kien bdieha l-kappillan Manché. Biż-żmien ma baqgħetx. Imma fil-bidu kienu joqogħdu hemm Dun Manwel Zammit, il-vici, Dun Dward Corrado,

jgħallem u jikteb il-mużika u Dun Ġużepp Portelli, li qabel kien patri Franġiskan. Kien jimla' sagristija u jqarar ħafna Dun Anton Calleja, ħu l-attur tal-films Joseph Calleja. Wara l-kappillan Galea ġie Dun Ġużepp Theuma li dam kappillan xi ħmistax-il sena. Sadattant żdiedu l-vokazzjonijiet saċerdotali: Dun Alfred Muscat, illum mibki minn kulħadd, Monsinjur Dun Anton Vella, kappillan f'diversi parroċċi u llum Arċipriet tal-Katidral, Dun Joe Bartolo, Kappillan tal-Parroċċa ta' Stella Maris, Dun Mario Delmar, viċi fl-istess parroċċa, Mons. Alex Cordina, viċi-Rettur tas-Seminarju, u Dun Charles Borg Manché, li ħadem ħafna maż-żgħażagħ u għadu sal-lum fil-belt ta' Munich, il-Ġermanja. Fl-1967 tlaqt minn Malta għal xi snin. Inqtajt ftit, għalhekk, anki mill-Gżira. Bqajt inħobbha u l-memorji li għandi nibqa' ngħożżhom.


CHARLIE

Auto Mechanic Service & Repairs

42 Luqa Briffa street Gżira
Fax/Tel: 21339710 • Mob: 9933 9710
Email: charlieautomechanic@melita.com

